# *FIT-TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR*

# *SMALL CLAIMS TRIBUNAL*

## *GUDIKATUR: DR EDWINA GRIMA LL.D.*

***Seduta ta' nhar l-Erbgha 26 ta' Gunju 2002***

**Numru 13**

**Avviz numru 1375/02EG**

**Golden Harvest Mfg Co Ltd**

**vs**

**Samuel Micallef**

**It-Tribunal,**

Ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' elf erba' mija u hmistax-il lira u disa u tmenin centezmu (Lm1,415.89c) rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' merkanzija mibjugha u kkonsenjata lilu mis-socjeta' attrici.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali datata 9 ta' April 1997 u bl-imghax legali mill-istess data sal-pagament effettiv kontra l-konvenut.

Ra l-ammissjoni maghmula llum stess seduta stante mill-konvenut Samuel Micallef li deher u ammetta t-talbiet attrici.

It-Tribunal,

Jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici kif dedotta bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali tad-9 ta' April 1997 u bl-interessi mill-istess data sal-pagament effettiv.

**Dr Edwina Grima**
**Gudikatur**